# Nuqqas ta' awto-dixxiplina mill-kaċċaturi u ta' preżenza tal-pulizija jwasslu għal illegalitajiet rampanti

- **Voluntieri tar-Raptor Camp ta' BirdLife Malta josservaw 'il fuq minn 170 illegalità fi tliet ġimgħat**
- **Għasafar protetti fil-mira tal-kaċċa illegali qabel u waqt l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa**
- **Il-pulizija b'unit wieħed f'Malta u xejn f'Għawdex fl-eqqel tal-passa**
- **Għall-futur BirdLife Malta se tiffoka l-isforzi tagħha fuq Għawdex**

Fl-aħħar jiem ġie fi tmiemu r-Raptor Camp ta' din is-sena mifrux fuq tliet ġimgħat li matulu medja ta' tliet timijiet ta' voluntieri u impjegati ta' BirdLife Malta kienu fil-kampanja jissorveljaw l-passa tal-għasafar flimkien mal-attività tal-kaċċa waqt il-bidu tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa.

F'konferenza tal-aħbarijiet li indirizzaw illum fl-uffiċċju ta' BirdLife Malta f'Ta' Xbiex, il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima, il-Kap Eżekuttiv Mark Sultana u l-Kap tal-Konservazzjoni Nicholas Barbara spjegaw kif għal darba oħra dan l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa kien karatterizzat mill-qtil illegali ta' diversi għasafar protetti, partikolarment irsieset u tajr tal-priża li kienu qed ipassu lejn in-Nofsinhar minn fuq Malta.

Mill-1 ta' Settembru nġabru b'kollox 28 għasfur protett mill-pubbliku li ġew mgħoddija lil BirdLife Malta jew lill-pulizija u aktar tard ġew ikkonfermati mill-veterinarju tal-gvern bħala vittmi tal-kaċċa illegali. L-aktar speċi ikonika kien Fjamingu li tniżżel barra l-kosta ta' Għawdex. Il-qtil illegali ta' tajr protett kompla b'mod rampanti b'żieda fl-aħħar ħames snin. Fil-fatt, mill-2018 sal-lum 700 għasfur protett kienu kkonfermati bħala vittmi tal-kaċċa illegali b'kuntrast mal-266 tal-ħames snin ta' qabel (2013–2017).

It-timijiet li pparteċipaw fir-Raptor Camp ta' din is-sena osservaw 'il fuq minn 170 illegalità, l-aktar l-użu tal-apparat elettroniku tal-għajjat artifiċjali, għasafar protetti qed jiġu mniżżla mill-kaċċaturi jew oħrajn itiru b'feriti evidenti tal-kaċċa.

Minbarra dawn l-illegalitajiet, għal BirdLife Malta l-aktar li kien evidenti kien in-nuqqas ta' preżenza tal-pulizija. F'diversi okkażjonijiet il-preżenza tagħhom għal inċidenti ta' kaċċa illegali kienet biss wara telefonati minn BirdLife Malta. Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara qal: "Meta l-Environmental Protection Unit (EPU) ġiet imsejħa u l-uffiċjali tagħha setgħu jwieġbu għas-sejħa tagħna, għamlu dan b'mod effiċjenti u b'riżultati pożittivi. Madanakollu dan ma kienx in-norma u jidher li l-EPU xi drabi kellha biss karozza waħda disponibbli għal Malta kollha. Fil-fatt, kien hemm drabi meta l-pulizija ma setgħux iwieġbu immedjatament għas-sejħiet tagħna għax kienu impenjati fuq xi inċident ieħor". Huwa ċar u evidenti li l-EPU m'għandhiex staff u riżorsi biżżejjed, u dan qed jagħmilha aktar faċli għall-kaċċaturi mingħajr ebda dixxiplina li jħossuhom komdi biex jiksru l-liġi.

Wieħed irid jiftakar li matul Settembru Malta kienet qed tippermetti wkoll il-qtil tal-Gamiema, speċi Vulnerabbli. Il-kaċċaturi suppost li kienu qed jiddikjaraw il-qatla tal-Gamiem tagħhom hekk kif kienet imposta kwota ta' 500 għasfur. Waqt li s-sena l-oħra, wara 11-il ġurnata kien iddikjarat li nqabdu 500 Gamiema u l-istaġun tal-Gamiem ingħalaq, din is-sena jidher li l-kwota ma ntlaħqitx. Minħabba n-nuqqas ta' preżenza tal-pulizija, il-kaċċaturi ma ħassewx li kellhom għalfejn jinkwetaw jekk ma jiddikjarawx il-qabdiet tagħhom għax iċ-ċans li jinqabdu kien minimu. "Hu prattikament impossibbli li 10,000 kaċċaturi ma qatlux 500 Gamiema tul l-ewwel ġimgħat ta' Settembru. Minħabba li dak li jinqabad fil-ħarifa bl-aktar mod kreattiv jintuża biex tiġi ġġustifikata deroga għall-kaċċa tal-Gamiema fir-rebbiegħa, Malta qed tikser id-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar meta ma timponix miżuri stretti ta' kontroll," kompla Nicholas Barbara.

F'Għawdex, l-infurzar mill-pulizija kien prattikament assenti. F'Għawdex mhux biss ma titħalliex taħdem l-EPU, imma jidher li l-Pulizija ta' Għawdex dejjem sabuha bi tqila li jkunu fil-kampanja kull meta ġew imsejħa. Każ partikolari kien meta t-tim talab l-għajnuna b'rabta ma' illegalità u l-pulizija wieġbu li ma setgħux jattendu. Madanakollu, meta f'okkażjoni oħra ġew imsejħa minn kaċċatur li għamel allegazzjonijiet kontra tim ta' BirdLife Malta li daħlu fil-proprjetà tiegħu bla permess, tgħidx kemm waslu fil-post malajr! BirdLife Malta ma għandha l-ebda dubju li l-indħil politiku mhux qed jippermetti li jsir l-infurzar kif suppost, speċjalment f'Għawdex. Fil-fatt, fid-dawl ta' dan, minn issa 'l quddiem BirdLife Malta se tkun qed tiffoka ħafna aktar fuq Għawdex bl-iskop li tesponi r-realtà ta' sitwazzjoni free-for-all fuq din il-gżira.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Mehmużin:**

- Tqabbil tal-illegalitajiet tal-kaċċa bejn il-ħames snin li għaddew (2018–2022) u l-ħames snin ta' qabel (2013–2017)
- Uffiċjali ta' BirdLife Malta jindirizzaw lill-ġurnalisti *(Ritratti ta' Jody Fiteni)*

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-Ol8UOxXmwF**
*(Ritratti ta' BirdLife Malta)*

1. Kaċċatur jiftaħar bil-qabda ta' sitt Gamimiet fl-ewwel jum tal-istaġun
2. Kaċċaturi f'Għawdex jiġru wara t-tajr tal-priża qabel ma dan ifittex kenn għal-lejl
3. Fjamingu li nstab ferut b'tiri ta' senter barra l-kosta ta' Għawdex, u li miet aktar tard
4. Spanjulett protett li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali f'Birżebbuġa
5. Russett Griż ferut li nġabar mill-Imġarr
6. Kuċċarda li tniżżlet illegalment f'Ħaż-Żabbar
7. Arpa feruta li nġabret minn Kemmuna

**Niżżel il-filmati minn hawn jew ikklikkja biex tiftaħ fuq YouTube:**
**https://we.tl/t-pmMyPimaDI**

- Filmat li jiġbor uħud mill-illegalitajiet tal-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa 2022.
  *(Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Milena Berezina)*
- Filmati tal-Fjamingu li spiċċa fil-mira tal-kaċċa illegali fl-ewwel jiem tal-istaġun. L-għasfur inġabar minn mal-kosta ta' Għawdex.
  *(Filmati ta' BirdLife Malta, muntaġġ ta' Nathaniel Attard)*